Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE ABELA
President

14 ta' Mejju, 2012

## ATT Nru. V tal-2012

*ATT biex jimplimenta Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2012 u miżuri amministrattivi oħra.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2012 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi. Titolu fil-qosor.

## TAQSIMA I

**2.** Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2012. Bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima.

**3.** Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "dħul" għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, imma ma tinkludix dħul li jkun ġej minn self. Tifsir. Kap. 174.

Awtorità li jinġabar self.

**4.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor f'Malta, b'self, somma ta' flus ta' mhux iżjed minn seba' mitt miljun euro.

(2) Għall-fini li tinġabar dik is-somma hawn qabel imsemmija, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi hu b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta taħt id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet hekk kif l-istess Ministru jista' japprova.

Kap. 161.

Skop.

**5.** (1) Flejjes imsellfin taħt l-awtorità ta' din it-Taqsima għandhom ikunu approprjati u applikati għall-iskop li:

(a) jitħallsu l-ispejjeż li jeċċedu d-dħul li jsiru fil-Fond Konsolidat matul is-sena 2012 u, jew snin sussegwenti;

(b) jiġu mifdija *stocks* reġistrati li għandhom jiġu mifdija matul l-2012; u

(ċ) jiġu effettwati bidliet fil-*portfolio* fir-rigward ta' ammonti li jinġabru permezz ta' *Bills* tat-Teżor, ammonti miġbura permezz ta' *Stocks* tal-Gvern, u rigward self li jinġabar minn barra minn Malta hekk kif u meta dan ikun meħtieġ b'konformità mal-politika tal-Gvern dwar l-immaniġġar tad-dejn.

(2) Kull somma pagabbli mill-Gvern ta' Malta għall-kiri tal-bini tal-Parlament għandha tiġi mħallsa mill-Fond Konsolidat bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda approprjazzjoni oħra.

## TAQSIMA II

Emendi tal-Ordinanza tad-Dwana. Kap. 37.

**6.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza tad-Dwana, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza tad-Dwana, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjħa "l-Ordinanza".

Emenda tal-artikolu 63 tal-Ordinanza.

**7.** Fl-artikolu 63 tal-Ordinanza, minflok il-kliem "ta' mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mhux iżjed minn elfejn euro (€2,000)".

## TAQSIMA III

Emendi tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap.123.

**8.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima għandhom

jiġu fis-seħħ kif ġej:

(a) l-artikolu 12 għandu jitqies li ġie fis-seħħ mis-sena ta' stima 2011;

(b) l-artikolu 18 għandu jiġi fis-seħħ mis-sena ta' stima 2012; u

(ċ) l-artikoli 11(b), 13 sa 17, 19, 20, 21, u 22(a), (b) u (d) għandhom jiġu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2013.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**9.** Fl-ewwel proviso tat-tifsira "sehem parteċipanti", fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "f'korp ta' persuni kostitwit," għandhom jidħlu l-kliem "f'korp ta' persuni kostitwit jew mezz ta' investiment kollettiv li jipprevedi r-responsabbiltà limitata għal investituri kostitwiti,".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

**10.** L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, it-tifsira "soċjetà" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "soċjetà" tfisser:

Kap. 386.
Kap. 168.

(a) kull soċjetà kostitwita skont l-Att dwar il-Kumpanniji jew skont l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, li tkun soċjetà kummerċjali jew *en nom collectif* jew soċjetà kummerċjali *en commandite* li l-kapital tagħha mhuwiex maqsum f'ishma;

(b) kull soċjetà oħra li jkollha personalità ġuridika distinta minn dik tas-soċji tagħha kostitwita, inkorporata jew reġistrata taħt xi liġi oħra fis-seħħ f'Malta;

(ċ) kull korp ta' persuni kostitwit, inkorporat jew reġistrat barra minn Malta, u li jkun ta' għamla simili għas-soċjetajiet fuq imsemmija;

L.S. 386.08

(d) Grupp Ewropew b'Interess Ekonomiku (EEIG) iffurmat skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpanniji (Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku);"; u

(b) fil-proviso għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (9A)

tiegħu minflok il-kliem "membru ta’ grupp.", għandhom jidħlu l-kliem "membru ta’ grupp:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta l-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp oriġinali, għar-raġuni biss li jkun hemm bidla fl-azzjonisti diretti jew indiretti tal-kumpannija li mingħandha tkun akkwistat l-ishma msemmija fil-paragrafu (a), il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma għandhiex, għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, tiġi ttrattata bħala li ma baqgħetx membru tal-grupp oriġinali b’riżultat ta’ dik il-bidla, hekk iżda li għall-finijiet biex jiġi determinat jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata waqfet milli tkun membru tal-grupp oriġinali għandu jitqies bħallikieku dik il-bidla ma tkunx saret u din id-deċiżjoni għandha tittieħed b’referenza għall-istess individwi msemmija fis-subartikolu (9)(iii) li għandhom jittieħdu f’konsiderazzjoni biex jiġi determinat jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata u l-kumpannija li mingħandha akkwistat l-ishma osservawx id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9)(i) u (iii) fid-data tal-akkwist imsemmija fil-paragrafu (a).".

Emenda tal-artikolu 5A tal-Att prinċipali.

**11.** L-artikolu 5A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (j) tas-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "li jkun jew jkunu l-proprjetarji tas-sehem kapital kollu (mingħajr ma jitqies li wieħed ikollu sehem wieħed bl-ebda drittijiet preferenzjali) tal-imsemmija kumpannija li tittrasferixxi l-proprjetà kif imsemmi qabel.", għandhom jidħlu l-kliem "li jkun jew ikunu l-proprjetarji, direttament jew indirettament, ta’ mhux inqas minn 95% tas-sehem kapitali u l-jeddijiet tal-vot tal-imsemmija kumpannija li tittrasferixxi l-proprjetà kif fuq imsemmi.";

(ii) fis-subparagrafu (i) tal-proviso li hemm miegħu, minflok il-kliem "kien il-proprjetarju tas-sehem kapitali kollu (mingħajr ma jitqies li wieħed ikollu sehem wieħed bl-ebda drittijiet preferenzjali)", għandhom jidħlu l-kliem "kien il-proprjetarju, direttament jew indirettament, ta’ mhux anqas minn 95% tas-sehem kapitali u tal-jeddijiet tal-vot";

(iii) fis-subparagrafu (ii) tal-proviso li hemm miegħu, il-kliem "f'unità waħda trasferibbli, li tkun" għandhom jiġu mħassra;

(b) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (5) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (b) u (ċ) ta' dan is-subartikolu, meta trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu huwa trasferiment ta' proprjetà fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 31Ċ(1), it-taxxa fuq dak it-trasferiment tkun dovuta bir-rata ta' 10% tal-valur tat-trasferiment."; u

(ċ) fil-proviso għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (12A) tiegħu, minflok il-kliem "membru ta' grupp.", għandhom jidħlu l-kliem "membru ta' grupp:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta l-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp oriġinali, għar-raġuni biss li jkun hemm bidla fl-azzjonisti diretti jew indiretti tal-kumpannija li mingħandha tkun akkwistat il-proprjetà msemmija fil-paragrafu (a), il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma għandhiex, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, tiġi ttrattata bħala li ma baqgħetx membru tal-grupp oriġinali b'riżultat ta' dik il-bidla, hekk iżda li għall-finijiet biex jiġi determinat jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata waqfet milli tkun membru tal-grupp oriġinali għandu jitqies bħallikieku dik il-bidla ma tkunx saret u din id-deċiżjoni għandha tittieħed b'referenza għall-istess individwi msemmija fl-artikolu 5(9)(iii) li għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni biex jiġi determinat jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata u l-kumpannija li mingħandha akkwistat il- proprjetà osservawx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(9)(i) u (iii) fid-data tal-akkwist imsemmija fil-paragrafu (a).".

**12.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "ma jkunx suġġett għal taxxa" għandhom jidħlu l-kliem "jista' jagħżel li ma jkunx suġġett għal taxxa". Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

**13.** Il-paragrafu (v) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem "*Royalties* jew *income* simili miksub minn privattivi rigward invenzjonijiet, kemm jekk waqt sengħa" għandhom jidħlu l-kliem:

"*Royalties*, avvanzi u *income* simili miksub minn -

(i) privattivi, rigward invenzjonijiet

(ii) dritt tal-awtur

kemm jekk waqt sengħa"; u

(b) fit-tieni proviso tiegħu, minflok il-kliem "ir-*royalties* jew *income* simili" għandhom jidħlu l-kliem "ir-*royalties*, avvanzi jew *income* simili".

Emenda tal-artikolu 14B tal-Att prinċipali.

**14.** Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 14B tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) elfejn u tliet mitt euro (€2,300) għar-rigward ta' kull tifel jew tifla li jkunu attendew dik l-iskola sekondarja, jew elf u sitt mitt euro (€1,600) għar-rigward ta' kull tifel jew tifla li jkunu attendew dik l-iskola primarja, jew elf u tliet mitt euro (€1,300) għar-rigward ta' kull tifel jew tifla li jkunu attendew dak il-*kindergarten*:".

Emenda tal-artikolu 14Ċ tal-Att prinċipali.

**15.** Il-paragrafu (b) tal-artikolu 14Ċ tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) elf u tliet mitt euro (€1,300):".

Emenda tal-artikolu 14D tal-Att prinċipali.

**16.** Il-paragrafu (b) tal-artikolu 14D tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) elfejn u ħames mitt euro (€2,500):".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**17.** Minnufih wara l-artikolu 14F tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Miżati għal attivitajiet kulturali.

14G. Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, huwa jkun ħallas miżati, li jirrigwardaw it-tfal tiegħu li ma jkunux għadhom għalqu is-sittax-il sena, għall-attendenza għal korsijiet kreattivi jew kulturali organizzati minn istituzzjonijiet jew persuni liċenzjati jew akkreditati mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, hu għandu, għal kull tifel jew tifla, jingħata tnaqqis fir-rigward tal-*income* tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti -

(a) l-ammont attwalment imħallas;

(b) mitt euro:

Iżda t-tnaqqis għandu jkun permess biss jekk il-ħlas u d-dettalji tal-individwu li jkun qed jagħmel it-talba jiġu kkonfermati bl-informazzjoni provduta mill-persuna jew istituzzjoni liċenzjata jew akkreditata permezz tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, f'dik il-forma u kontenut kif stabbilit mill-Kummissarju.".

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

**18.** Is-subparagrafi (5) sa (9), it-tnejn inklużi, tal-paragrafu (vi) tas-subartikolu (1)(b) tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bis-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(5) profitti jew qligħ mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti, liema qligħ jew profitti għandhom, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, fil-każijiet kollha jitqiesu li huma qligħ jew profitti li jaqgħu fi ħdan it-tifsira ġenerali tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4, hekk iżda li meta xi investiment kien investiment ta' natura kapitali fil-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru 2008, il-prezz tal-akkwist ta' dawk investimenti għall-finijiet ta' dan il-paragrafu għandu jkun il-valur fis-suq li japplika għalihom kif kien f'dik id-data;

(6) qligħ kapitali suġġett għat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u li jinkisbu mit-trasferiment ta' attiv bl-eċċezzjoni ta' investimenti msemmija fis-subparagrafu (5) u differenzi realizzati fuq il-kambju

relatati mal-fond fit-tul;

(7) *income* tekniku ieħor inklużi kummissjonijiet, *allowances* u drittijiet riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti;

u wara li jingħaddu flimkien dawn ta' hawn fuq jitnaqqas minnhom it-total ta' dawn li ġejjin:

(8) it-tnaqqis permess skont it-Taqsima IV relatat mal-*income* tal-fond fit-tul, inklużi -

(i) *claims, maturities* u *surrenders* imħallsa, inklużi, sabiex jiġi evitat kull dubju, it-taxxa mħallsa mill-persuna assigurata fir-rigward ta' ammonti determinabbli li huma dovuti fir-rigward ta' kuntratti ta' kummerċ fit-tul skont is-subartikolu (2);

(ii) *premiums* ta' riassigurazzjoni mħallsa;

(iii) drittijiet tekniċi oħra inklużi kummissjonijiet u *allowances* imħallsa jew li għandhom jitħallsu;

(9) telf mill-bejgħ jew disponiment ta' investmenti u attiv ieħor tal-fond fit-tul imsemmi fis-subparagrafi (5) u (6), hekk iżda li meta xi investiment kien investiment ta' natura kapitali fil-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru 2008, il-prezz tal-akkwist ta' dawk l-investimenti għall-finijiet ta' dan il-paragrafu għandu jkun il-valur fis-suq li japplika għalihom kif kien f'dik id-data; u

(10) il-proviżjonijiet tekniċi fl-aħħar tas-sena;".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

**19.** Minnufih wara l-artikolu 31A tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"*Income* minn kirjiet fuq kera sussidjat mill-Awtorità tad-Djar.

31B. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi jew ta' xi regolamenti magħmula taħt dawk l-Atti, dan l-artikolu għandu japplika meta persuna li tkun il-proprjetarju ta' proprjetà immobbli tikri dik il-proprjetà lil persuna li tirċievi sussidju fuq il-kera taħt xi skema amministrata mill-Awtorità tad-Djar u l-proprjetarju msemmi hu reġistrat mal-Awtorità tad-Djar għal dan il-għan u josserva kull kondizzjoni imposta mill-Awtorità tad-Djar.

(2) It-taxxa li għandha titħallas fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (1) tkun bir-rata ta' 10% tal-*income* gross tal-kera riċevut. Din it-taxxa tkun finali u ma tkunx, bl-ebda mod, disponibbli bħala kreditu kontra t-taxxa li jkollha titħallas minn dik il-persuna jew titħallas lura bħala rifużjoni lil dik il-persuna.

(3) L-Awtorità tad-Djar għandha tnaqqas it-taxxa mis-sussidju fuq il-kera msemmi fis-subartikolu (1) u għandha tagħti rendikont lill-Kummissarju dwar kull ammont hekk imnaqqas waqt li tispeċifika l-ammonti u l-partikolaritajiet tal-persuna li rċeviet il-kera.

(4) L-Awtorità tad-Djar għandha tibgħat it-taxxa miġbura skont is-subartikolu (3), flimkien mar-rendikont imsemmi f'dak is-subartikolu, lill-Kummissarju sa l-erbatax-il ġurnata wara t-tmiem tax-xahar li fih kien tħallas is-sussidju fuq il-kera.

*Income* minn kirjiet ta' proprjetà restawrata.

31Ċ. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi, dan l-artikolu għandu japplika għal kull persuna li tkun il-proprjetarju ta' proprjetà immobbli li tkun ġiet restawrata skont xi skema maħruġa għal dan il-għan mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tipprovdi għar-restawr ta' proprjetà skedat tal-grad 1 jew tal-grad 2 jew proprjetà li tinsab f'żona ta' konservazzjoni urbana, bil-kondizzjoni li l-persuna msemmija tosserva kull kondizzjoni imposta mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward ta' skema bħal dik u tossottometti dawk il-formuli u dokumentazzjoni li l-Kummissarji jista' jeħtieġ.

(2) Meta l-persuna msemmija fis-subartikolu (1) tikri proprjetà immobbli fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-imsemmi subartikolu, it-taxxa li għandha titħallas għandha tkun bir-rata ta' 10% tal-*income* gross tal-kera riċevut meta l-kera jkun għal għan residenzjali, u bir-rata ta' 15% tal-*income* gross tal-kera riċevut meta l-kera jkun għal għan kummerċjali. Din it-taxxa tkun finali u ma tkunx, bl-ebda mod, disponibbli bħala kreditu kontra t-taxxa li jkollha titħallas minn dik il-persuna jew titħallas lura bħala rifużjoni lil dik il-persuna. It-taxxa fuq imsemmija għandha tintbagħat lill-Kummissarju, flimkien mal-formuli u d-dokumentazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena li tiġi wara s-sena li għaliha jirreferi l-*income*.

(3) L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandha tibgħat lill-Kummissarju rendikont annwali tad-dettalji tal-persuni kollha li jkunu għamlu użu minn skema bħal dik u dak ir-rendikont għandu jingħata b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jeħtieġ.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali.

**20.** L-artikolu 37 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu li ġej:

"Xelta għar-riċevituri biex jiddikjaraw meta ma ssirx għażla.

37. (1) Meta ma ssirx għażla taħt l-artikolu 35, riċevitur li jkun individwu jista' jiddikjara *income* minn investiment fuq il-prospett tat-taxxa tiegħu jew b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jeħtieġ u, meta ssir dikjarazzjoni kif imsemmi qabel, kull taxxa dovuta tkun stabbilita daqslikieku d-dispożizzjonijiet dwar *income* minn investiment ma sarux.

(2) Meta riċevitur, li jkun individwu, iddikjara *income* minn investment fuq il-prospett tat-taxxa tiegħu jew b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jeħtieġ, kull taxxa miżmuma fir-rigward ta' dak l-*income* taħt id-dispożizzjonijiet dwar *income* minn investiment tkun disponibbli bħala kreditu għar-rigward tal-passiv tat-taxxa tar-riċevitur, jew bħala rifużjoni, skont il-każ, għas-sena ta' stima rilevanti.

(3) L-ebda taxxa miżmuma ma tista' tintalab lura kif previst f'dan l-artikolu jekk ikunu għaddew aktar minn sentejn minn meta t-taxxa ġiet miżmuma.".

Emenda tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali.

**21.** Il-paragrafu (b) tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(1), l-ebda persuna ma tkun dovuta li tħallas aktar taxxa dwar l-*income* minn investiment skont dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 56 tal-Att prinċipali.

**22.** L-artikolu 56 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-partita (iv) tal-proviso għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ta' dak it-tifel.", għandhom jidħlu l-kliem "ta' dak it-tifel:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta, fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima, genitur ikun ipprovda l-manteniment ta' tifel jew tifla taħt il-kustodja tiegħu, jew ikun ħallas il-manteniment fir-rigward tat-tifel jew tifla tiegħu kif previst fl-artikolu 12(1)(t), u dak it-tifel jew tifla ma jkunux għalqu t-tmintax-il sena (jew ma jkunux għalqu l-wieħed u

għoxrin sena jekk ikunu qed jirċievu edukazzjoni fuq bażi *full-time* fi stabbiliment ta' edukazzjoni terzjarja) u ma jkunux qed jaħdmu bi qligħ, jew jekk ikunu qed jaħdmu bi qligħ ma jkunux kisbu *income* ta' aktar minn €2,400, allura l-imsemmi ġenitur ikollu d-dritt li jiġi intaxxat bir-rati li ġejjin:

Għal kull euro fuq l-ewwel €9,300 … 0c

Għal kull euro fuq l-€6,500 ta' wara .. 15ċ

Għal kull euro fuq l-€5,400 ta' wara .. 25ċ

Għal kull euro mill-bqija ................ 35c;";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "jew membru bħala tali.", għandhom jidħlu l-kliem "jew membru bħala tali; u", u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(c) tletin ċenteżmu (0.30) fuq kull euro tal-*income* taxxabbli fir-rigward ta' trasferiment ta' proprjetà fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 31Ċ(1), iżda hekk li dak l-*income* jitqies li jikkostitwixxi l-aħħar parti tal-*income* totali tal-persuna għas-sena.";

(ċ) fil-paragrafu (a)(ii) tas-subartikolu (11), minflok il-kliem "fis-subartikolu (1)(a)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (1)(a) jew (b)"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (24) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(25) Individwu li hu stabbilit f'qasam ta' eċċellenza u jiġi lura Malta bħala persuna b'residenza ordinarja f'Malta jista' jagħżel li jkollu l-*income* tiegħu minn impjieg li jitwettaq f'Malta intaxxat bir-rata ta' 15-il ċenteżmu fuq kull euro, basta li jkun ilu persuna b'residenza ordinarja f'Malta għal mill-inqas għoxrin sena iżda ma kienx persuna hekk b'residenza ordinarja f'Malta għall-għaxar snin konsekuttivi qabel ma ġie lura Malta, u mingħajr ħsara għal dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti, inkluż l-inqas ammont ta' *income* li jista' jiġi intaxxat u n-numru ta' snin li matulhom jista' jintgħamel użu minn dan il-benefiċċju.".

Emenda tal-artikolu 90A tal-Att prinċipali.

**23.** L-artikolu 90A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "mill-15 ta’ Frar tas-sena li tiġi wara s-sena rilevanti jew dik id-data oħra li tista’ tiġi preskritta.", għandhom jidħlu l-kliem "minn dik id-data li tiġi wara s-sena rilevanti li tista’ tiġi preskritta."; u

(b) fis-subartikolu (8) tiegħu, minflok il-kliem "sal-15 ta’ Frar tas-sena li tiġi wara s-sena rilevanti jew dik id-data oħra li tista’ tiġi preskritta," għandhom jidħlu l-kliem "sa dik id-data li tiġi wara s-sena rilevanti li tista’ tiġi preskritta,".

## TAQSIMA IV

**24.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emendi tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ din it-Taqsima għandhom jiġu fis-seħħ kif ġej:

(a) l-artikoli 26 u 29 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fit-2 ta’ Jannar, 2012; u

(b) l-artikoli 25, 27, 28, 30 u 31 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fis-7 ta’ Jannar, 2012.

**25.** Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, it-tifsira "Pensjoni tas-Servizz" għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (vii) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(vii) b’seħħ mill-1 ta’ Jannar 2011, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa mitejn euro (€200) oħra;";

(b) il-paragrafu (viii) tagħha għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ix); u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (vii) tagħha għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(viii) b’seħħ mis-7 ta’ Jannar 2012, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa mitejn euro (€200) oħra; u".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

**26.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "ma tkunx dovuta kontribuzzjoni skond dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "ma tkunx dovuta kontribuzzjoni skont dan l-Att;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) għal kull ġimgħa kalendarja, b'seħħ mit-2 ta' Jannar 2012 li fiha skont l-artikolu 72 tkun intitolata għal Benefiċċji għal *Leave* dwar Maternità u ma tkunx dovuta kontribuzzjoni skont dan l-Att.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

**27.** L-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Disabilità u Pensjoni għal Persuna b'Vista Batuta.

27. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 96 u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, persuna li -

(a) ikollha l-età ta' sittax-il sena; u

(b) tkun ċertifikata li qed issofri minn subnormalità mentali severa jew li tkun persuna gravament disabilitata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew li qed issofri minn *palsy* ċerebrali; u

(ċ) turi għas-sodisfazzjon tad-Direttur li tkun ċittadin ta' Malta u normalment tirrisjedi f'Malta;

tkun intitolata għal Pensjoni għal Diżabilità taħt dan l-Att u l-ogħla rata tagħha, inklużi ż-żidiet kollha skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90, għandha tkun dik skont it-Taqsima III tas-Sitt Skeda u skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3).

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna b'vista batuta li -

(a) ikollha l-età ta' erbatax-il sena; u

(b) tipproduċi ċertifikati li juru li għandha vista batuta kif id-Direttur jista', f'każijiet partikolari, jeħtieġ; u

(ċ) turi għas-sodisfazzjon tad-Direttur li tkun ċittadin ta’ Malta u normalment tirrisjedi f’Malta;

tkun intitolata għal Pensjoni għal Persuna b’Vista Batuta taħt dan l-Att skont it-Taqsima III tas-Sitt Skeda u skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3).

(3) Ir-rata tal-pensjoni li persuna li ssir intitolata għaliha taħt is-subartikolu (1) jew (2) għandha tkun dak l-ammont fil-ġimgħa li twassal il-mezzi fil-ġimgħa totali tal-persuna b’diżabilità, kalkolati skont it-Taqsima V tat-Tieni Skeda, sar-rata tal-iskala ta’ dik il-persuna, kif stabbilit bit-Taqsima III tas-Sitt Skeda:

Iżda b’dan illi, salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 96 u tat-tieni proviso li hemm fil-paragrafu 4 tat-Taqsima V tat-Tieni Skeda, meta persuna miżżewġa u l-konjuġi jkunu t-tnejn jikkwalifikaw għal pensjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu jew tal-artikolu 66, dik il-pensjoni li titħallas lil waħda mill-konjuġi ma tibqax tingħatalha:

Iżda wkoll b’effett mill-1 ta’ Jannar, 2005, meta persuna miżżewġa tkun tikkwalifika għal pensjoni taħt id-dispożizzjoniet ta’ dan l-artikolu, ir-rata applikabbli tkun dik kif indikata fit-Taqsima III tas-Sitt Skeda.".

**28.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali.

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), armla li tkun qiegħda tirċievi pensjoni taħt din it-Taqsima għandha, malli terġa’ tiżżewweġ, tibqa’ intitolata għall-Pensjoni tar-Romol għall-perjodu li jibda mill-ewwel Sibt li jiġi wara d-data taż-żwieġ mill-ġdid, jew mis-6 ta’ Jannar 2007, skont liema minnhom tiġi l-ewwel, u li jintemm il-Ġimgħa tal-260 ġimgħa wara d-data taż-żwieġ, b’rata għal kull ġimgħa ekwivalenti għar-rata tal-Pensjoni tar-Romol speċifikata fit-Tnax-il Skeda, kif kien ikun japplika fil-każ tagħha, sad-data taż-żwieġ mill-ġdid skont l-artikoli 31 jew 33 u wara dak il-perjodu dik il-pensjoni ma tibqax tingħatalha:

Iżda, b’seħħ mis-7 ta’ Jannar 2012, il-perjodu ta’ 260

ġimgħa msemmi f'dan l-artikolu għandu jiżdied bi 52 ġimgħa kull l-ewwel Sibt ta' Jannar ta' kull sena.".

Emenda tal-artikolu 71 tal-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 71 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"Benefiċċji dwar il-Maternità jew Benefiċċju għal *Leave* dwar Maternità"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Mara li f'xi żmien fid-data jew wara d-data tal-1 ta' Jannar, 2012 -

(a) tkun f'impieg assigurabbli u jkollha dritt għal-*Leave* dwar Maternità mingħajr ħlas skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità; jew

L.S. 452.91

(b) tkun taħdem għaliha nnifisha u tkun ħadet il-Benefiċċju kollu dwar il-Maternità li tkun intitolata għalih,

għandha tikkwalifika għal Benefiċċji għal *Leave* dwar Maternità.

(5) Fil-każ ta' persuna f'impieg assigurabbli, il-Benefiċċji għal *Leave* dwar Maternità jitħallas biss għal perjodu fejn dan il-*leave* ikun mingħajr ħlas skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità.

L.S. 452.91

(6) Persuna li timpjega lilha nnifisha ma tkunx intitolata għal Benefiċċji għal *Leave* dwar Maternità kemm-il darba d-Direttur ma jkunx sodisfatt li l-persuna li qed tagħmel it-talba waqfet mill-impjieg tagħha matul perjodu tal-Benefiċċju dwar Maternità jew Benefiċċju għal *Leave* dwar Maternità.".

Emenda tal-artikolu 72 tal-Att prinċipali.

**30.** L-artikolu 72 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"Ħlas ta’ Benefiċċju dwar il-Maternità jew Benefiċċju għal *Leave* dwar Maternità"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Il-Benefiċċju għal *Leave* dwar Maternità skont l-artikolu 71 għandu jitħallas:

(a) wara s-7 ta’ Jannar 2012 għal perjodu ta’ mhux iżjed minn ġimgħatejn; u

(b) wara l-5 ta’ Jannar 2013 għal perjodu ta’ mhux iżjed minn erba’ ġimgħat.

(4) Ir-rata tal-Benefiċċju għal *Leave* dwar Maternità skont is-subartikolu (3) għandha tkun:

(a) dik imsemmija fit-Taqsima IV tal-Erbatax-il Skeda; u

(b) fil-każ ta’ persuna impjegata, mill-ewwel Sibt minnufih wara l-perjodu li fih jispiċċa l-*leave* imħallas għal Maternità skont ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità; jew L.S. 452.91

(ċ) fil-każ ta’ persuna li timpjega lilha nnifisha mill-ewwel Sibt ta’ wara t-tmiem tad-dritt għal Benefiċċju dwar Maternità skont l-artikolu 71.".

Emenda tat-Taqsima V tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**31.** It-Taqsima V tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "u l-manifattura ta’ dak l-artiġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku." għandhom jidħlu l-kliem "u l-manifattura ta’ dak l-artiġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku; u"; u

(ii) minnfuh wara s-subparagrafu (d) tiegħu,

għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(e) dħul minn impjieg bi qligħ jew xogħol għal rasha tal-persuna sa massimu tal-paga minima nazzjonali kif applikabbli għal persuni ta’ tmintax-il sena jew iżjed kif stabbilita b’Ordni ta’ *Standard* Nazzjonali taħt l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali."; u

Kap. 452

(b) fil-paragrafu 4 tagħha, minflok il-kliem "Hekk iżda li, b’effett mis-6 ta’ Jannar, 2007, fir-rigward tal-proprjetà u d-dħul tal-konjuġi tal-persuna b’diżabilità jew b’vista batuta, id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu għandhom biss jidħlu fis-seħħ mill-ewwel Sibt li jiġi wara l-ħames sena mid-data taż-żwieġ tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "Hekk iżda li, b’effett mis-7 ta’ Jannar, 2012, fir-rigward tal-proprjetà u d-dħul tal-konjuġi tal-persuna b’diżabilità jew b’vista batuta, id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu m’għandhomx japplikaw meta l-persuna b’diżabilità tkun iżżewġet wara s-6 ta’ Jannar, 2007".

## TAQSIMA V

Emenda tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Kap. 364.

**32.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

**33.** Il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "li jkun jew jkunu l-proprjetarji tas-sehem kapitali kollu (mingħajr ma jitqies li wieħed ikollu sehem wieħed bl-ebda drittijiet preferenzjali) tal-imsemmija kumpannija li tittrasferixxi l-proprjetà kif imsemmi qabel.", għandhom jidħlu l-kliem "li jkun jew ikunu l-proprjetarji, direttament jew indirettament, ta’ mhux inqas minn 95% tas-sehem kapitali u l-jeddijiet tal-vot tal-imsemmija kumpannija li tittrasferixxi l-proprjetà kif fuq imsemmi.";

(b) fis-subparagrafu (i) tal-proviso li hemm miegħu, minflok il-kliem "kien il-proprjetarju tas-sehem kapitali kollu (mingħajr ma jitqies li wieħed ikollu sehem wieħed bl-ebda drittijiet preferenzjali)", għandhom jidħlu l-kliem "kien il-proprjetarju, direttament jew indirettament, ta’ mhux anqas

minn 95% tas-sehem kapitali u tal-jeddijiet tal-vot"; u

(ċ) fis-subparagrafu (ii) tal-proviso li hemm miegħu, il-kliem "f'unità waħda trasferibbli, li tkun" għandhom jiġu mħassra.

## TAQSIMA VI

Emendi tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur. Kap.368.

**34.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, ħlief dawk tal-artikoli 39 u 40, għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 39 u 40 għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Novembru, 2011.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**35.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "Awtorità" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ambulanza" tfisser vettura bil-mutur tal-kategorija M maħsuba għat-trasport ta' persuni li jkunu morda jew li jkunu korrew u li jkollha tagħmir speċjali għal dak l-iskop;";

(b) fit-tifsira "ċertifikat ta' konformità" minflok il-kliem "d-Direttiva 70/156/KEE, kif emendata" għandhom jidħlu l-kliem "d-Direttiva 2007/46/KE kif emendata u d-Direttiva 2002/24/KE kif emendata";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "*cc*" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċikletta" tfisser ċikletta mgħammra b'mutur b'forza ta' aktar minn 50ċm$^3$ jekk mgħammra b'mutur b'kombustjoni interna u, jew veloċità massima ta' sewqan ta' aktar minn 45 kilometru fis-siegħa, u tinkludi *motor cycles, tricycles* u kwadriċikletti;";

(d) it-tifsira "Direttiva 70/156/KE" għandha tiġi mħassra;

(e) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 1999/96/KE" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "id-Direttiva 2002/24/KE" tfisser id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu, li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tliet roti u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KE;";

(f) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2005/55/KE" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "id-Direttiva 2007/46/KE" tfisser id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal vetturi bħal dawk;";

(g) minnufih wara t-tifsira "importata f'Malta" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "karavan bil-mutur" jew "*motor home*" tfisser vettura bil-mutur b'għan speċjali mibnija sabiex tinkludi akkomodazzjoni fejn persuna tista' tgħix li jkun fiha għallinqas it-tagħmir li ġej:

- sedili u mejda,
- akkomodazzjoni għall-irqad li tista' tiġi konvertita mis-sedili,
- faċilitajiet għat-tisjir, u
- faċilitajiet għall-ħażna.

Dan it-tagħmir għandu jkun imwaħħal b'mod riġidu mal-komportament ta' fejn wieħed jgħix; iżda, il-mejda tista' tkun iddisinjata b'mod li tista' titneħħa b'mod faċli;";

(h) it-tifsira "Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92" għandha tiġi mħassra;

(i) it-tifsira "Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92" għandha tiġi mħassra;

(j) minnufih wara t-tifsira "ir-Regolament (KE) Nru 715/2007" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq tal-ġarr stradali internazzjonali tal-merkanzija;”;

(k) minnufih wara t-tifsira ġdida "ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għal aċċess għas-suq internazzjonali ta’ servizzi bil-kowċ u *bus*;";

(l) it-tifsira "użu kummerċjali" għandha tiġi mħassra;

(m) it-tifsira "użu privat" għandha tiġi mħassra;

(n) minflok it-tifsira "vettura b’għan speċjali” għandu jidħol dan li ġej:

" "vettura b’għan speċjali” għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE iżda, għall-finijiet ta’ dan l-Att, għandha tinkludi biss il-vetturi elenkati taħt il-partiti 5.2, 5.7 u 5.8;”;

(o) it-tifsira "vettura kummerċjali" għandha tiġi mħassra; u

(p) it-tifsira "vettura bil-mutur privata" għandha tiġi mħassra.

**36.** Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "kull sena wara l-ewwel ħlas." għandhom jidħlu l-kliem "kull sena wara l-ewwel ħlas:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

"Iżda s-sid ta’ vettura bil-mutur jkun eżentat milli jġedded il-liċenza ta’ ċirkolazzjoni ta’ dik il-vettura meta dik il-vettura -

(a) tkun qiegħda tinżamm mill-Pulizija jew mid-Dwana jew mill-Awtorità, jew

(b) tkun inqabdet b’ordni tal-Qorti, jew

(ċ) tkun insterqet u s-serqa tkun ġiet rappurtata lill-Pulizija, jew

(d) tkun ġiet esportata, jew

(e) is-sid tagħha jkun qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs:

Iżda wkoll dik l-eżenzjoni għandha tispiċċa meta l-vettura tingħata lura lis-sid fir-rigward tal-paragrafi (a), (b) u (ċ), jew is-sid joħroġ mill-ħabs fir-rigward tal-paragrafu (e):

Iżda wkoll vettura bħal dik ma tkunx tista' tinsaq fit-triq sakemm il-liċenza tagħha ma tkunx għadha ġiet imġedda.".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

**37.** L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "kull vettura bil-mutur privata, inkluż karavan jew *motor home*," għandhom jidħlu l-kliem "kull vettura privata"; minflok il-kliem "used for personal or business purposes" fis-subparagrafu (iv) tiegħu fit-test Ingliż, għandhom jidħlu l-kliem "for private use or for business use"; fil-proviso li hemm miegħu minflok il-kliem "vettura bil-mutur privata" għandhom jidħlu l-kliem "vettura privata", u minflok il-kliem "tintuża regolarment għall-ivvjaġġar mir-residenza tiegħu f'dak il-pajjiż għall-post tax-xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "tintuża b'mod regolari għall-ivvjaġġar bejn ir-residenza tiegħu f'dak il-pajjiż u l-post tax-xogħol tiegħu"; u minnufih wara l-imsemmi proviso, għandu jidħol dan li ġej:

"Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu -

"użu fin-negozju" tfisser l-użu ta' vettura fit-twettiq dirett ta' attività li ssir għal xi korrispettiv jew qligħ finanzjarju;

"użu privat" tfisser kull użu ieħor li m'huwiex użu fin-negozju;

"vettura privata" tfisser vettura bil-mutur M1, kompriż il-karru tagħha, jekk din ikollha karru, karavan bil-mutur, *motor home* jew ċikletta;";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "kull vettura bil-mutur" għandhom jidħlu l-kliem "kull vettura bil-mutur M1 jew ċikletta", minflok il-kliem "ta'

dik il-vettura:" għandhom jidħlu l-kliem "ta’ dik il-vettura;", u l-proviso li hemm miegħu għandu jiġi mħassar;

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "vettura bil-mutur privata" għandhom jidħlu l-kliem "vettura bil-mutur M1 jew ċikletta", minflok il-kliem "għall-finijiet biex" għandhom jidħlu l-kliem "għall-iskop uniku biex"; minflok il-kliem "mill-awtoritajiet ta’ l-edukazzjoni:" għandhom jidħlu l-kliem “mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni;” u l-proviso li hemm miegħu għandu jiġi mħassar;

(iv) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "b’awtorizzazzjoni Komunitarja valida skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92" għandhom jidħlu l-kliem "b’liċenza tal-Komunità valida skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009";

(v) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92" għandhom jidħlu l-kliem "ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il paragrafi (ċ) u (d)" għandhom jidħlu l-kliem "il-paragrafi (b), (ċ) u (d)", u minflok il-kliem "skont dawk il-kondizzjonijiet preskritti b’regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Minkejja xi dispożizzjonijiet oħra ta’ dan l-Att, vetturi bil-mutur M1 jew ċikletti reġistrati fi Stat Membru ieħor li jinġiebu Malta jkunu eżenti mir-rekwiżit li jiġu reġistrati mal-Awtorità u mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuqhom jekk huma jinġiebu Malta minn persuna residenti f’Malta għall-użu privat jew għall-użu fin-negozju tagħha meta dik il-persuna -

(a) tkun impjegata ma’, jew tkun direttur, *manager*, azzjonist jew soċju ta’ impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor li tipprovdi vettura bħala parti mill-kuntratt tal-impjieg, fejn vettura bħal dik tkun il-proprjetà tal-impriża jew tkun mikrija minnha, jew

(b) tkun persuna li taħdem għal rasha li tkun qiegħda twettaq attività ekonomika fi Stat Membru ieħor

u l-vettura tkun qiegħda tiġi użata prinċipalment fi Stat Membru ieħor:

Iżda vettura bħal dik m'għandhiex tiġi użata f'Malta għal aktar minn tletin ġurnata konsekuttivi mid-data meta tkun waslet Malta; inkella għandha tiġi reġistrata mal-Awtorità u għandha titħallas fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni adatta skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.";

(d) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun ġiet mikrija mingħand impriża li tikri l-karrozzi stabbilita fi Stat Membru ieħor minn persuna li ma tkunx residenti f'Malta tkun eżenti mill-ħtieġa li tiġi reġistrata mal-Awtorità u mill-ħlas fuqha tat-taxxa tar-reġistrazzjoni jekk dik il-vettura tiġi użata f'Malta għal perjodu kontinwu ta' mhux aktar minn tletin ġurnata li matulu hija tista' -

(a) tinkera mill-ġdid darba biss lil persuna li ma jkollhiex ir-residenza normali tagħha f'Malta bil-ħsieb li l-imsemmija vettura tkun se tinħareġ minn Malta, jew

(b) tiġi ritornata minn impjegat tal-impriża li tikri l-karrozzi sew jekk dak l-impjegat ikollu r-residenza normali tiegħu f'Malta sew jekk le, u

meta l-vettura tibqa' f'Malta għal aktar minn tletin ġurnata hija għandha tiġi reġistrata mal-Awtorità u għandha titħallas fuqha taxxa tar-reġistrazzjoni bir-rata jew fl-ammont speċifikat fit-Tieni Skeda.".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

**38.** L-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:

(a) vetturi mgħoddija lill-Gvern ta' Malta għas-settur pubbliku;

(b) vetturi mgħoddija lill-Forzi Armati ta' Malta;

(ċ) vetturi li jkunu se jiġu użati minn istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea;

(d) vetturi mgħoddija lil organizzazzjoni internazzjonali li tkun rikonoxxuta bħala tali mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin għal użu uffiċjali f'Malta;

(e) vetturi mgħoddija taħt arranġamenti diplomatiċi, konsulari jew arranġamenti simili bis-saħħa tal-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi; u

Kap. 191.

(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda l-eżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik. L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi."; u

(b) minflok is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Il-vetturi elenkati taħt il-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (3) ikunu eżentati wkoll mill-ħlas tad-drittijiet tal-liċenza ta' ċirkolazzjoni.".

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

**39.** Fis-subartikolu (5) tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "ma jħallasx" għandhom jidħlu l-kliem "jonqos milli jħallas, għal raġunijiet li ma jkunux ġustifikati,", u minflok il-kliem "€2 għal kull ġurnata li d-dritt għal liċenza ta’ ċirkolazzjoni applikabbli jibqa’ mhux imħallas", għandhom jidħlu l-kliem "€10 għal kull xahar li d-dritt applikabbli jibqa’ ma jiġix imħallas, b’dak l-ammont ma jeċċedix €100".

Sostituzzjoni tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

**40.** Minflok l-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ħlas ta’ taxxa differit.

24. Il-ħlas tat-taxxa ta’ reġistrazzjoni fir-rigward ta’ vetturi bil-mutur li jiġu reġistrati mal-Awtorità minn importaturi awtorizzati ta’ vetturi bil-mutur jew minn bejjiegħa awtorizzati ta’ vetturi bil-mutur sat-30 ta’ April, 2012, jista’ jiġi differit sal-31 ta’ Diċembru, 2012.".

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**41.** L-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-‘Formula tar-rata tat-taxxa’ taħt il-Kategorija A tagħha, minflok il-kliem "minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta’ emissjonijiet ekwivalenti għal Euro *standards*" għandhom jidħlu l-kliem "minn dokument uffiċjali li jkun juri l-livelli ta’ emissjonijiet ekwivalenti għal *standards* Euro (l-imsemmi dokument uffiċjali jista’ jkun ċertifikat ta’ konformità jew ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip jew ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew dikjarazzjoni mill-manifattur tal-vettura)"; minufih qabel il-kliem "Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta’ vettura bil-mutur" għandhom jidħlu l-kliem "Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta’ vettura bil-mutur ikollu l-ħsieb jibdel il-magna ta’ vettura bil-mutur qabel ma din tiġi reġistrata mal-Awtorità, huwa għandu javża b’dan bil-miktub lill-Awtorità."; u l-kliem "akkreditat fi Stat Membru" għandhom jiġu mħassra;

(b) minnufih wara l-kliem "jew portijiet użati mill-bastimenti ............. 0%" taħt il-Kategorija E tagħha, għandha tiżdied il-kategorija ġdida li ġejja:

"Kategorija F: makkinarju mingħajr xażi

*Forklifts, shovels, excavators, road rollers, bulldozers, road pavers, road scarifiers, rock cutters* u *asphalt finishers* ........ 0%"; u

(ċ) minflok il-kliem "għall-Kategoriji B sa E" fl-aħħar paragrafu tagħha għandhom jidħlu l-kliem "għall-Kategoriji B sa F".

**42.** It-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

(a) minflok il-Kategorija A tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"Kategorija A: Vetturi bil-mutur M1 kompriżi vetturi li jiġu reġistrati biex jintużaw bħala *taxicars*, vetturi għall-kiri u vetturi minbarra dawk klassifikati taħt il-Kategorija H, sew jekk ġodda sew jekk użati (ir-rati bbażati fuq is-$CO_2$ u t-tul tal-vettura):

| B'magna petrol | | | | |
|---|---|---|---|---|
| $CO_2$ | *Standard* Euro l-aktar reċenti | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 1 | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 2 | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 3 u aktar antika |
| 0g/km sa u kompriżi 100g/km | $CO_2$ x VR x 0.13% | $CO_2$ x VR x 0.13% | $CO_2$ x VR x 0.20% | $CO_2$ x VR x 0.23% |
| Aktar minn 100g/km sa u kompriżi 130g/km | $CO_2$ x VR x 0.15% | $CO_2$ x VR x 0.15% | $CO_2$ x VR x 0.23% | $CO_2$ x VR x 0.26% |
| Aktar minn 130g/km sa u kompriżi 140g/km | $CO_2$ x VR x 0.17% | $CO_2$ x VR x 0.17% | $CO_2$ x VR x 0.26% | $CO_2$ x VR x 0.30% |
| Aktar minn 140g/km sa u kompriżi 150g/km | $CO_2$ x VR x 0.19% | $CO_2$ x VR x 0.19% | $CO_2$ x VR x 0.29% | $CO_2$ x VR x 0.33% |
| Aktar minn 150g/km sa u kompriżi 180g/km | $CO_2$ x VR x 0.21% | $CO_2$ x VR x 0.21% | $CO_2$ x VR x 0.32% | $CO_2$ x VR x 0.37% |
| Aktar minn 180g/km sa u kompriżi 220g/km | $CO_2$ x VR x 0.23% | $CO_2$ x VR x 0.23% | $CO_2$ x VR x 0.35% | $CO_2$ x VR x 0.40% |
| Aktar minn 220g/km sa u kompriżi 250g/km | $CO_2$ x VR x 0.25% | $CO_2$ x VR x 0.25% | $CO_2$ x VR x 0.38% | $CO_2$ x VR x 0.44% |
| Aktar minn 250g/km | $CO_2$ x VR x 0.27% | $CO_2$ x VR x 0.27% | $CO_2$ x VR x 0.41% | $CO_2$ x VR x 0.47% |

| B'magna *diesel* b'materja partikolata ta' 0g/km sa u kompriżi 0.005g/km | | | | |
|---|---|---|---|---|
| $CO_2$ | *Standard* Euro l-aktar reċenti | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 1 | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 2 | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 3 u aktar antika |
| 0g/km sa u kompriżi 100g/km | $CO_2$ x VR x 0.13% | $CO_2$ x VR x 0.13% | $CO_2$ x VR x 0.20% | $CO_2$ x VR x 0.23% |

A 138

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Aktar minn 100g/km sa u kompriżi 130g/km | $CO_2$ x VR x 0.15% | $CO_2$ x VR x 0.15% | $CO_2$ x VR x 0.23% | $CO_2$ x VR x 0.26% |
| Aktar minn 130g/km sa u kompriżi 140g/km | $CO_2$ x VR x 0.17% | $CO_2$ x VR x 0.17% | $CO_2$ x VR x 0.26% | $CO_2$ x VR x 0.30% |
| Aktar minn 140g/km sa u kompriżi 150g/km | $CO_2$ x VR x 0.19% | $CO_2$ x VR x 0.19% | $CO_2$ x VR x 0.29% | $CO_2$ x VR x 0.33% |
| Aktar minn 150g/km sa u kompriżi 180g/km | $CO_2$ x VR x 0.21% | $CO_2$ x VR x 0.21% | $CO_2$ x VR x 0.32% | $CO_2$ x VR x 0.37% |
| Aktar minn 180g/km sa u kompriżi 220g/km | $CO_2$ x VR x 0.23% | $CO_2$ x VR x 0.23% | $CO_2$ x VR x 0.35% | $CO_2$ x VR x 0.40% |
| Aktar minn 220g/km sa u kompriżi 250g/km | $CO_2$ x VR x 0.25% | $CO_2$ x VR x 0.25% | $CO_2$ x VR x 0.38% | $CO_2$ x VR x 0.44% |
| Aktar minn 250g/km | $CO_2$ x VR x 0.27% | $CO_2$ x VR x 0.27% | $CO_2$ x VR x 0.41% | $CO_2$ x VR x 0.47% |

| B'magna *diesel* b'materja partikolata ta' aktar minn 0.005g/km | | | | |
|---|---|---|---|---|
| $CO_2$ | *Standard* Euro l-aktar reċenti | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 1 | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 2 | *Standard* Euro l-aktar reċenti nieqes 3 u aktar antika |
| 0g/km sa u kompriżi 100g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.18% | $CO_2$ x VR x 0.32% | $CO_2$ x VR x 0.37% |
| Aktar minn 100g/km sa u kompriżi 130g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.21% | $CO_2$ x VR x 0.36% | $CO_2$ x VR x 0.42% |
| Aktar minn 130g/km sa u kompriżi 140g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.24% | $CO_2$ x VR x 0.41% | $CO_2$ x VR x 0.47% |
| Aktar minn 140g/km sa u kompriżi 150g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.27% | $CO_2$ x VR x 0.45% | $CO_2$ x VR x 0.53% |
| Aktar minn 150g/km sa u kompriżi 180g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.29% | $CO_2$ x VR x 0.51% | $CO_2$ x VR x 0.60% |
| Aktar minn 180g/km sa u kompriżi 220g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.32% | $CO_2$ x VR x 0.56% | $CO_2$ x VR x 0.65% |
| Aktar minn 220g/km sa u kompriżi 250g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.35% | $CO_2$ x VR x 0.60% | $CO_2$ x VR x 0.70% |
| Aktar minn 250g/km | - | $CO_2$ x VR x 0.38% | $CO_2$ x VR x 0.65% | $CO_2$ x VR x 0.75% |

| Tul | Rati |
|---|---|
| 0 sa u kompriżi 3450mm | 0.0020% x Tul x VR |
| Aktar minn 3450mm sa u kompriżi 3640mm | 0.0022% x Tul x VR |

| | |
|---|---|
| Aktar minn 3640mm sa u kompriżi 3770mm | 0.0024% x Tul x VR |
| Aktar minn 3770mm sa u kompriżi 4030mm | 0.0026% x Tul x VR |
| Aktar minn 4030mm sa u kompriżi 4370mm | 0.0028% x Tul x VR |
| Aktar minn 4370mm sa u kompriżi 4570mm | 0.0030% x Tul x VR |
| Aktar minn 4570mm sa u kompriżi 4770mm | 0.0032% x Tul x VR |
| Aktar minn 4770mm | 0.0034% x Tul x VR |

Għall-fini tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, meta vetturi bil-mutur M1 li s-sena tal-manifattura tagħhom tkun waħda mis-snin ta' manifattura li ġejjin, ma jkunux akkumpanjati minn dokument uffiċjali li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet ekwivalenti għal *standards* Euro (l-imsemmi dokument uffiċjali jista' jkun ċertifikat ta' konformità jew ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip jew ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew dikjarazzjoni mill-manifattur tal-vettura), ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jitħallsu fuq dawk il-vetturi għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jidhru taħt *standards* Euro differenti:

| | Euro 1 | Euro 2 | Euro 3 | Euro 4 | Euro 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| M1 | Sa u kompriża s-sena 1996 | 1997 sa 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 sa 2010 | mill-2011 |

Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta' vettura bil-mutur ikollu l-ħsieb jibdel il-magna ta' vettura bil-mutur qabel ma din tiġi reġistrata mal-Awtorità, huwa għandu javża b'dan bil-miktub lill-Awtorità.

Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta' vettura bil-mutur jipprovdi ċertifikat kif approvat minn servizz tekniku, li l-magna ta' dik il-vettura partikolari tkun tissodisfa livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet minkejja s-sena tal-manifattura tagħha, dik il-vettura għandha, meta tkun qiegħda tiġi reġistrata, tiġi ntaxxata r-rata li tappartjeni lill-i*standard* Euro li jkun ekwivalenti għaliha.";

(b) minflok il-partita (3) tagħha taħt il-'Formula tar-rata tat-taxxa', għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Meta l-valur ta' materja partikolata fir-rigward ta' vetturi M1 li jaħdmu b'magna *diesel* u li jkollhom magna bi *standard* Euro 3 jew Euro 4 jew Euro 5 ma jiġix mogħti lill-Awtorità mis-sid ta' vettura bil-mutur, l-Awtorità għandha tapplika r-rata ta' 0.05g/km fir-rigward ta' vetturi manifatturati bejn l-2001 u l-2005 b'magna Euro 3, ir-rata ta' 0.025g/km fir-rigward ta' vetturi b'magna Euro 4 b'sena ta' manifattura bejn l-2006 u l-2010, ir-rata ta' 0.005g/km fir-rigward ta' vetturi

b’magna Euro 5 b’sena tal-manifattura bejn l-2011 u s-snin li jiġu wara dik.";

(ċ) fil-partita 2 tal-Kategorija F tagħha, minflok il-kliem "minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta’ emissjonijiet ekwivalenti għal Euro *standards*" għandhom jidħlu l-kliem "minn dokument uffiċjali li jkun juri l-livelli ta’ emissjonijiet ekwivalenti għal *standards* Euro (l-imsemmi dokument uffiċjali jista’ jkun ċertifikat ta’ konformità jew ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip jew ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew dikjarazzjoni mill-manifattur tal-vettura)"; minufih qabel il-kliem "Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta’ vettura bil-mutur" għandhom jidħlu l-kliem "Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta’ vettura bil-mutur ikollu l-ħsieb jibdel il-magna ta’ vettura bil-mutur qabel ma din tiġi reġistrata mal-Awtorità, huwa għandu javża b’dan bil-miktub lill-Awtorità."; u l-kliem "akkreditat fi Stat Membru" għandhom jitħassru; u

(d) il-Kategorija G tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-partita 2 tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"2 Vetturi bil-mutur, kompriżi *go-karts*, *quad bikes* u *motor cycles* li jintużaw għal skop ta’ tiġrijiet, kemm ġodda jew użati ..................... 0%";

(b) fil-partita 3 tagħha, minflok il-kelma "Karavani" għandhom jidħlu l-kliem "Karavani bil-mutur".

## TAQSIMA VII

Emendi tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

**43.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

**44.** Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "għall-ħlas tat-taxxa dovuta.", għandhom jidħlu l-kliem "għall-ħlas tat-taxxa dovuta:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dan is-subartikolu m’għandux japplika għal riċevitur uffiċjali, jew xi persuna oħra, maħtura skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 225 tal-Att dwar il-Kumpanniji.".

Kap. 386.

**45.** Minnufih wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

"(6) Għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, Grupp Ewropew b’Interess Ekonomiku (EEIG) iffurmat skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpanniji (Gruppi Ewropej b’Interess Ekonomiku) għandu jitqies bħala soċjetà u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom jgħoddu minkejja li l-EEIG ma jkunx qed iwettaq sengħa jew negozju.".

L.S. 386.08

**46.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 57 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "fl-artikolu 14(1)(a)(i)" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 15(1)(a)(i)".

Emenda tal-artikolu 57 tal-Att prinċipali.

## TAQSIMA VIII

**47.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Taxxa fuq *Bunkering* ta’ Żjut u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Taxxa fuq *Bunkering* ta’ Żjut, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emendi tal-Att dwar Taxxa fuq *Bunkering* ta’ Żjut. Kap.381.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48 u 49 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fil-15 ta’ Novembru, 2011; u

(b) id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 50 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fid-9 ta’ Mejju, 2012.

**48.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) minnufuh wara t-tifsira "Ministru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Nomenklatura Magħquda" tfisser l-Anness 1 mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni;"; u

(b) minflok it-tifsira "żejt", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "żejt" tfisser kull *non-volatile marine grade fuel oil* li jintuża biex iħaddem bastiment jew il-makkinarju

tiegħu u jinkludi żejt lubrikanti kif ukoll dawk il-prodotti li jinsabu taħt is-subintestaturi 2710.19.43 sa 2710.19.48 jew 2710.20.11 sa 2719.20.19 jew taħt is-subintestaturi 2710.19.62 sa 2710.19.68 jew 2710.20.31 sa 2710.20.39 tan-Nomenklatura Magħquda;".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

**49.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "għal iktar minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33) għal kull tunnellata metrika jew parti minnha.", għandhom jidħlu l-kliem "għal iktar minn għaxar euro (€10.00) għal kull tunnellata metrika jew parti minnha.".

Sostituzzjoni tal-Iskeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**50.** L-Iskeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Artikolu 3)

Żjut li jinsabu taħt is-subintestaturi 2710.19.43 sa 2710.19.48 jew 2710.20.11 sa 2710.20.19 tan-Nomenklatura Magħquda; taxxa ta’ euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€1.86) għal kull tunnellata metrika jew parti minnha.

Żjut li jinsabu taħt is-subintestaturi 2710.19.62 sa 2710.19.68 jew 2710.20.31 sa 2710.20.39 tan-Nomenklatura Magħquda; taxxa ta’ erbgħa u disgħin ċenteżmu (€0.94) għal kull tunnellata metrika jew parti minnha.".

## TAQSIMA IX

Emendi tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa. Kap.382.

**51.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fil-15 ta’ Novembru, 2011.

Emenda tat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**52.** It-Tielet Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-kolonna "Rate of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Cigarettes", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"25.0% of the retail price plus €77.00 per 1000 cigarettes but not less than €127.50 per 1000 cigarettes";

(b) fil-kolonna "Rate of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Cigars and Cigarillos", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€18.34 per 1000 units";

(ċ) fil-kolonna "Rate of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Hand-Rolling Tobacco", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€81.81 per kg.";

(d) fil-kolonna "Rate of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Other Smoking Tobacco", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€81.81 per kg."; u

(e) fil-kolonna "Rate of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Pipe Tobacco", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€26.00 per kg.".

Emenda tar-Raba’ Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**53.** Ir-Raba’ Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-kolonna "Description of excise goods", minflok il-kliem "Leaded petrol falling within CN Codes 2710.11.31, 2710.11.51 and 2710.11.59" għandhom jidħlu l-kliem "Leaded petrol falling within CN Codes 2710.12.31, 2710.12.51 and 2710.12.59";

(b) fil-kolonna "Description of excise goods", minflok il-kliem "Unleaded petrol falling within CN Codes 2710.11.41, 2710.11.45 and 2710.11.49" għandhom jidħlu l-kliem "Unleaded petrol falling within CN Codes 2710.12.41, 2710.12.45 and 2710.12.49";

(ċ) fil-kolonna "Description of excise goods", minflok il-kliem "Gas Oil falling within CN Codes 2710.19.44 to 2710.19.49" għandhom jidħlu l-kliem "Gas Oil falling within CN Codes 2710.19.43 to 2710.19.48 or 2710.20.11 to 2710.20.19";

(d) fil-kolonna "Description of excise goods", minflok il-kliem "Heavy fuel oil falling within CN Codes 2710.19.61 to 2710.19.69" għandhom jidħlu l-kliem "Heavy fuel oil falling

within CN Codes 2710.19.62 to 2710.19.68 or 2710.20.31 to 2710.20.39";

(e) fil-partita (h) tat-taqsima li tibda bil-kliem "The term ‘energy products’ shall cover:", minflok il-kliem "products falling within CN Code 3824.90.99 if these are intended for use as heating or motor fuel;" għandhom jidħlu l-kliem "products falling within CN Code 3824.90.97 if these are intended for use as heating or motor fuel;";

(f) minnufih wara l-partita (i) fit-taqsima li tibda bil-kliem "The term ‘energy products’ shall cover:", għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"(j) products falling within CN Code 3826."; u

(g) minflok il-paragrafi li jibdew bil-kliem "Energy products other than those for which a level of duty is specified above", u jispiċċaw bil-kliem "or as additive or extender in motor fuels, shall be taxed as motor fuel" għandu jidħol dan li ġej:

"Energy products other than those for which a level of duty is specified above shall be subject to excise duty if intended for use, offered for sale or used as heating or motor fuel. The rate of duty to be charged shall be fixed at the rate for the equivalent motor fuel.

In addition to the taxable products listed above, any product intended for use, offered for sale or used as heating or motor fuel, or as additive or extender in motor fuels, shall be taxed as motor fuel.".

Emenda tal-Iskeda Ħamsa A li tinsab mal-Att prinċipali.

**54.** Fl-Iskeda Ħamsa A tal-Att prinċipali, minflok il-kliem fil-kolonna "Rates of Excise Duty” fir-rigward tal-partita "Portland Cement, excluding White Cement", għandhom jidħlu l-kliem li ġejjin:

"€12.00 per 1000 kg".

## TAQSIMA X

Emendi tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Kap. 399.

**55.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima għandhom jitqiesu li

daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar, 2012.

**56.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali.

"(1) Ebda persuna m’għandha, mingħajr ma jkollha liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija bil-miktub mill-Ministru tinstalla jew tuża apparat preskritt mill-Ministru.".

**57.** L-Iskeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha titħassar.

Tħassir tal-Iskeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**TAQSIMA XI**

**58.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emendi tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Kap.406.

(2) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ din it-Taqsima għandhom jiġu fis-seħħ kif ġej:

(a) l-artikolu 61 għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar, 2012; u

(b) l-artikolu 65 għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar, 2013.

**59.** L-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi revokat; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Ebda ħaġa f’dan l-artikolu ma għandha twaqqaf jew titqies li twaqqaf lill-Kummissarju milli jenforza xi dispożizzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru. 904/2010 tas-7 ta’ Ottubru 2010, jew ta’ xi Regolament tal-Kunsill (UE) ieħor li jissostitwixxi jew jemenda l-imsemmi Regolament tal-Kunsill (UE).".

**60.** Minnufih wara s-subartikolu (7) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

"(8) Kull persuna reġistrata skont l-artikoli 10, 11 jew 12 għandha, fi żmien ħmistax-il jum mill-ġrajja ta’ xi wieħed minn dawn l-avvenimenti li ġejjin, tavża bil-miktub lill-Kummissarju b’dik il-ġrajja:

(a) kull bidla fiċ-ċirkostanzi li jista’ jkollha effett fuq il-partikolaritajiet dikjarati fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha skont l-artikoli 10, 11 jew 12 jew li jiġu b’mod ieħor mogħtija lill-Kummissarju fir-rigward tar-reġistrazzjoni tagħha jew li jidhru fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni;

(b) il-waqfien jew it-trasferiment tal-attività ekonomika tagħha jew parti minnha;

(ċ) kull ġrajja oħra kif jista’ jiġi preskritt.".

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

**61.** Minnufih wara s-subartikolu (4A) tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4B) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-artikolu, l-imgħax fi żmien ta’ taxxa partikolari ma jibqax jiddekorri fejn l-ammont totali ta’ ħlasijiet imqassam għal dak iż-żmien ta’ taxxa skont l-artikolu 67 ikun daqs jew jeċċedi l-ammont ta’ taxxa li kellha titħallas għal dak iż-żmien ta’ taxxa.".

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

**62.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Denunzja ta’ taxxa mibgħuta minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandu jkun fiha dikjarazzjoni tal-*output tax*, l-*input tax* u dawk id-dikjarazzjonijiet u partikolaritajiet oħra għal dak iż-żmien ta’ taxxa li huma meħtieġa skont dan l-Att u għandha ssir jew fuq dik il-formula hekk kif il-Ministru jista’ b’regolamenti jippreskrivi jew b’mezz elettroniku permezz tal-*portal* elettroniku hekk indikat għal dan il-għan mill-Kummissarju:

Iżda l-Ministru jista’ b’regolamenti jippreskrivi kondizzjonijiet li permezz tagħhom denunzja ta’ taxxa għandha tintbagħat biss b’mezz elettroniku.".

Emenda tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali.

**63.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "għandha tibgħat lill-Kummissarju" għandhom jidħlu l-kliem "notifika ta’ ħlas skont l-artikolu 21(5) u"; u l-kliem "u f’dawk l-intervalli" għandhom jitħassru.

Żjieda ta’ artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**64.** Minnufih wara l-artikolu 37 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Penali amministrattiva għal ħlas bin-nieqes jew taxxa stmata taħt l-artikolu 12.

37A. Fejn notifika ta' ħlas magħmula minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 12 ikun fiha dikjarazzjoni bin-nieqes tat-taxxa li kellha titħallas skont l-artikolu 21(2) u (3) jew fejn il-Kummissarju jagħmel stima tat-taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna skont l-artikolu 33(2), dik il-persuna tkun suġġetta għal penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għoxrin fil-mija tat-taxxa bin-nieqes li kellha titħallas jew it-taxxa skont l-istima.".

Emenda tal-artikolu 50 tal-Att prinċipali.

**65.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 50 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem:

"fi żmien tletin jum mid-data li tiġi l-aktar kmieni mid-:

(a) data meta l-oġġetti jiġu kunsinnati jew jitwettqu s-servizzi;

(b) data li fiha jsir ħlas għal dik il-provvista."

għandhom jidħlu l-kliem "fiż-żmien determinat skont id-dispożizzjonijiet tat-Tnax-il Skeda.".

Emenda tal-artikolu 77 tal-Att prinċipali.

**66.** Fil-paragrafu (o) tal-artikolu 77 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, waqt li tkun sprovvista" għandhom jiżdiedu l-kliem ", fil-lok fejn tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti,".

Emenda tal-artikolu 80 tal-Att prinċipali.

**67.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 80 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-artikoli 18 u 62" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 18, 60 u 62".

Emenda tal-artikolu 84 tal-Att prinċipali.

**68.** Fis-subartikolu (6) tal-artikolu 84 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "penali amministrattiva dovuta taħt dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem:

"penali amministrattiva dovuta taħt dan l-Att:

Iżda l-Kontrollur tad-Dwana jista', f'isem il-Kummissarju, jimponi u jiġbor penali f'każ ta' kompromess kif provdut skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 63 u 63A tal-Ordinanza tad-Dwana, daqslikieku kull riferenza għal dazji f'dawk l-artikoli kienet riferenza għal penali dovuta taħt dan l-Att.".

Kap. 37.

**TAQSIMA XII**

Emenda tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor. Kap. 438.

**69.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-Arranġament tal-Att tal-Att prinċipali.

**70.** Fit-TAQSIM TA' L-ATT tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "TAQSIMA VI Il-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "TAQSIMA VI Il-Liċenza għal-Lotterija Nazzjonali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**71.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali, fit-tifsira "Lotterija Nazzjonali", minnufih wara l-kliem "kumpannija reġistrata f'Malta" għandhom jiżdiedu l-kliem "u kwalunkwe logħob awtorizzat mill-Awtorità u li huma soġġetti għall-pattijiet u l-kondizzjonijiet speċifikati fiha".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

**72.** Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "li jagħmlu parti mil-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali".

Emenda tat-titolu fit-Taqsima VI tal-Att prinċipali.

**73.** Minflok it-titolu "TAQSIMA VI - IL-LOTTERIJA NAZZJONALI" minnufih qabel l-artikolu 26 tal-Att prinċipali, għandu jidħol it-titolu "TAQSIMA VI - IL-LIĊENZA GĦAL-LOTTERIJA NAZZJONALI".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

**74.** L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel proviso tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jista' ma joperax il-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "jista' ma joperax il-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali";

(b) fit-tieni proviso tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jista' jopera l-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "jista' jopera l-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta liċenza għal-Lotterija Nazzjonali tiġi operata mill-Ministru, il-Ministru għandu jeżerċita dawk il-poteri kollha li jistgħu jkunu meħtieġa jew spedjenti għall-għanijiet ta' dik l-operazzjoni u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jirrigwardaw il-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali, li ma jkunux dawk li jirrigwardaw il-ħruġ ta' liċenzi u l-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali, għandhom japplikaw u jkollhom seħħ b'kull modifika jew adattament meħtieġa kif dawn japplikaw u jkollhom seħħ dwar il-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali kif operata minn detentur ta' liċenza għal-Lotterija Nazzjonali.";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jista' b'liċenza jawtorizza persuna topera l-Lotterija Nazzjonali" għandhom jiżdiedu l-kliem "u kwalunkwe logħob awtorizzat speċifikament fiha"; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda jekk id-detentur ta' liċenza għal-Lotterija Nazzjonali ma joperax kwalunkwe waħda mil-logħob preskritti li jiffurmaw parti mil-Lotterija Nazzjonali bis-saħħa ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att għal perjodu kif preskritt fil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali, il-Ministru għandu d-dritt li jikkonċedi l-operazzjoni ta' tali logħob lil persuna oħra skont it-termini ta' regolamenti maħruġa mill-Ministru skont l-artikolu 78.".

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali.

**75.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "li jkollha jew ikun se jkollha bħala skop uniku" għandhom jidħlu l-kliem "li jkollha jew ikun se jkollha bħala skop prinċipali".

Emenda tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

**76.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "li jkollha bi skop uniku tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "li jkollha bi skop prinċipali tagħha".

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

**77.** L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "li jiffurmaw parti mil-Lotterija Nazzjonali u" għandhom jidħlu l-kliem "li jiffurmaw parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali u";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "li jagħmlu parti mil-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali"; u

(ċ) fis-subartikolu (8), minflok il-kliem "jkollu bħala skop uniku" għandhom jidħlu l-kliem "jkollu bħala skop prinċipali".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

**78.** L-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "Permess għal persuna biex tbigħ logħbiet li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "li jagħmlu parti mil-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "li jagħmlu parti mil-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "li jagħmlu parti mil-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali";

(e) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), permess bħal dak għandu jtemm milli jibqa' jseħħ mar-revoka jew terminazzjoni tal-awtorità jew ħatra tad-detentur ta' permess mogħtija jew magħmula mid-detentur ta' liċenza għal-Lotterija Nazzjonali biex ibigħ logħbiet li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali, jew inkella jekk jiġri li liċenza għal-Lotterija Nazzjonali ttemm milli tibqa' sseħħ għal liema raġuni tkun u d-detentur ta' liċenza għal-Lotterija Nazzjonali ġdida maħruġa skont din it-Taqsima ma tkunx tawtorizza jew taħtar lid-detentur ta' permess li jbigħ logħbiet li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali."; u

(f) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "li jagħmlu parti mil-Lotterija Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "li jagħmlu parti mil-liċenza għal-Lotterija Nazzjonali".

## TAQSIMA XIII

**79.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi". Emendi tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Kap. 10.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jiġu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.".

**80.** Is-subartikolu (9) tal-artikolu 319 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 319 tal-Kodiċi.

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)." għandhom jidħlu l-kliem "iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37):"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

Kap. 441. "Iżda fejn id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ jew regolamenti magħmulin taħtu jipprovdu għal pieni ogħla minn dawk imposti b'dan is-subartikolu, għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ jew regolamenti magħmulin taħtu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 471 tad-9 ta' Mejju, 2012.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*